# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 29 ta' Settembru 2020**

**Talba Numru 283/2019SFJ**

***Paul Pace (157561M)***
***vs.***
***Silvio Brincat (474260M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu l-attur talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tlett elef u tmien mija u disgħa u disgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€3,899.93) rappreżentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-istess konvenut. Inoltre, l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 1591/2019 (mibgħuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-ispejjeż ta' din l-azzjoni.

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta waħda lokali (ara fol. 17, 18, 19 u 20).

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta jew sottomissjoni oħra u ma deher għal ebda seduta.

Ra li fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2020 l-attur ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li permezz tiegħu ried jipprova li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba. Il-konvenut reġa' ma deherx għall-udjenza għalkemm debitament innotifikat.

Ra li l-konvenut lanqas deher fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2020 sabiex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni biex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tal-attur ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u tmien mija u disgħa u disgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€3,899.93) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri b'rata mhux ogħla minn dik permessa mill-liġi mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża.

Billi l-attur ma ppreżenta ebda prova rigward xi ittra uffiċjali, it-Tribunal jiċħad dik il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż rigwardanti l-ittra uffiċjali 1591/2019.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**